MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Avviz Numru. 474/1999/1

**Anthony u Rose Micallef**

**vs**

**Oliver Cachia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat il-5 ta’ April ta’ l-1999 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lill-atturi s-somma li ma teccedix il-hames mitt Lira Maltin, (LM500.00,0), danni kagunati lilhom fil-bini taghhom, meta l-konvenut ghamel xoghol vicin tad-dar taghhom, “Paradise”, Triq Nicola Baldacchino, Siggiewi, Malta, liema danni l-istess konvenut accetta li jirripara;

2. Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tieghu ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-5 ta’ Mejju ta’ l-1999 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti;

1. Illi l-ammont reklamat jew mhux dovut jew mhux dovut kollu. L-atturi ghandhom jippruvaw il-pretensjoni taghhom; l-atturi qatt ma ndikaw x’inhuma d-danni li jippretendu li garrbu u ghalhekk l-eccepjent ma jistax jaqbel apprioristikament mad-danni reklamati;

2. Illi f’kull kaz l-eccepjent m’ghandux ibati spejjez ta’ dawn il-proceduri billi huwa kien offra lill-atturi li jirrangalhom kwalunkwe hsarat li jirrizulaw bi htija tieghu pero’ l-atturi qatt ma awtorizzawh jaghmel dan ix-xoghol;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri wara li l-atturi jispjegaw fid-dettal il-pretensjonijiet taghhom;

Rat id-digriet taghha datat is-17 ta’ Novembru tas-sena 2000 li permezz tieghu, fuq talba tal-partijiet, innominat lill-Perit Joseph Briffa bhala perit tekniku biex jezamina l-hsarat meritu ta’ din il-procedura u konsegwentement, jindika rimedju;

Rat ir-relazzjoni peritali ta’ l-imsemmi Perit Joseph Briffa;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut datata l-4 ta’ Gunju tas-sena 2002 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

L-inkompetenza ta’ din il-Qorti ratione valoris;

Rat is-sentenza preliminari taghha datata t-12 ta’ Novembru tas-sena 2002 fejn iddikjarat li hi kompetenti skond il-ligi biex tipprosegwixxi bil-kawza u ordnat il-prosegwiment ta’ l-istess;

Rat ir-rikors ta’ l-atturi datat id-19 ta’ Novembru tas-sena 2002;

Rat id-digriet taghha datat il-25 ta’ Novembru tas-sena 2002;

Rat ir-risposta tal-konvenut datata s-7 ta’ Frar tas-sena 2003;

Rat id-digriet taghha datat it-12 ta’ Frar tas-sena 2003 fejn ordnat lill-partijiet jitrattaw il-kwistjoni sollevata;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali ta’ l-attur, dak tal-konvenut baqa’ ma deherx;

Inghatat sentenza in parte datata l-25 ta’ Frar tas-sena 2003;

Rat ir-rikors tal-konvenut datat it-3 ta’ Marzu tas-sena 2003 fejn talab li jkun awtorizzat jappella mill-imsemmija decizjoni;

Semghet lir-rapprezentant legali tal-konvenut jitratta l-imsemmi rikors;

Rat il-verbal taghha datat id-29 ta’ April tas-sena 2003 fejn wara li rat l-artikolu 229 tal-Kapitolu 12, laqghet it-talba u awtorizzat lir-rikorrent jipprocedi bl-appell;

Rat is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell datata s-17 ta’ Novembru tas-sena 2004 fejn ghall-motivi hemm citati cahdet l-appell, ikkonfermat id-digriet moghti w irrimettiet l-atti lill-ewwel qorti biex il-kawza tigi trattata u deciza fil-meritu;

Rat il-verbal konguntiv tar-rapprezentanti legali tal-partijiet datat is-26 ta’ April tas-sena 2005, fejn infurmaw lill-qorti li minghajr pregudizzju, ix-xoghlijiet li hemm bzonn isiru f’din il-kawza jsiru mill-konvenut a spejjez tieghu u a pjaciment ta’ l-atturi – dejjem in konformita’ ma’ l-indikazzjonijiet imposti minn perit tekniku mqabbad mill-qorti odjerna;

Rat il-verbal ta’ l-istess data fejn ghal dan il-ghan hatret lill-Perit Andre’ Pizzuto biex jissorvelja li x-xoghol isir

skond is-sengha u l-arti; fl-ahjar interess tal-partijiet u ma jkun ta’ kwalita’ inferjuri ghal dak li hemm prezentement;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-meritu ta’ din il-procedura jista’ jigi sintetikament elenkat bil-mod segwenti:

1. Illi l-atturi jirrisjedu fil-fond minnhom indikat fl-avviz promotur, “Paradise”, Triq Nicola Baldacchino, is-Siggiewi;

2. Illi l-konvenut hu l-proprjetarju tal-fond adjacenti ghal dak ta’ l-atturi u ried jizviluppah;

3. Illi biex jizviluppa l-istess fond il-konvenut beda jqatta’ l-blat “bil-Hymac il-kbir u qata’ flesh mal-hajt divizorju ta’ l-atturi”;

4. Illi mill-ewwel bdew jidhru hsarat strutturali fil-fond proprjeta’ ta’ l-atturi, u ghalkemm l-atturi intervenew biex jinfurmaw lill-konvenut tempestivament b’dawn il-hsarat minnu kkagunati, kien kollu inutili;

5. Illi b’arroganza l-konvenut jidher li informa lill-atturi li ma kellhomx ghalfejn ihabblu rashom ghaliex “ … fejn jaghmel il-hsara, ihallasha”, (ara fol 11);

6. Illi x-xoghol ta’ tqattiegh ta’ blat tkompla b’disprezz ghall-inkolumita’ tal-proprjeta’ ta’ l-atturi billi mhux biss ma ottemporax ruhu ghal distanzi legislattivament preskritti, talli addirittura miss il-pedamenti tar-residenza ta’ l-atturi;

7. Illi rizultat ta’ dan kien hemm diversi fessuri fil-hitan u hsarat ohra strutturali billi inkissru l-madum ta’ diversi kmamar ta’ l-atturi;

8. Illi l-hsarat strutturali ndikati gew debitament konfermati mill-perit tekniku appozitament nominat liema perit stima li l-hsarat involuti kienu jammontaw ghal elf, tlett mija u tmienja u tmenin Lira Maltin, (LM1,388.00,0);

Ikkunsidrat;

Illi l-verzjoni tal-konvenut tista' tigi sintetikament elenkata bil-mod segwenti:

1. illi hu ma hadimx bil-Hymac izda bil-JCB;

2. Illi jinnega li l-atturi kellmuh waqt li kien ghaddej bix-xoghlijiet u ingibditlu l-attenzjoni tieghu biss fil-fazi ta' kostruzzjoni;

3. Illi l-hsarat sofferti mill-atturi ma humiex ikkagunati mix-xoghlijiet tal-konvenut;

Ikkunsidrat:

Illi l-ahhar affermazzjoni tal-konvenut qed tigi respinta stante li skond il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nkarigat minn din il-qorti, l-hsarat strutturali sofferti mill-atturi huma rizultat dirett tal-qtugh fil-blat mill-konvenut;

Illi rigward il-fatt li l-konvenut isostni li hadem b'tip ta' magna u mhux b'ohra hu ghal kollox irrilevanti ghaliex jirrizulta effettivament li jezisti ness dirett bejn l-istess xoghlijiet u hsarat sofferti mill-atturi;

Illi f'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li d-depozizzjoni tal-perit Wallace Farrugia hija ghal kollox irresponsabbli u din il-qorti tawspika li min hu dovut ghandu jiehu dawk il-passi necessarji biex jiccensura tali agir irresponsabbli minghajr tlaqlieq;

Ikkunsidrat:

Illi ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li l-atturi ppruvaw il-kaz taghhom skond il-ligi u filwaqt li tirrespingi l-eccezzjnijiet kollha sollevati mill-konvenut takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-konvenut Oliver Cachia hu unikament esponsabbli ghall-hsarat sopportati mill-atturi Anthony u Rose Micallef fil-fond “Paradise”, Triq Nicola Baldacchino, Siggiewi;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-imsemmija atturi Micallef fl-ammont ta’ elf, tlett mija u tmienja u tmenin Lira Maltin, (LM1,388.00,0);

3. Tikkundanna lill-konvenut Oliver Cachia biex ihallas lill-atturi Anthony u Rose Micallef l-ammont hekk likwidat ta’ elf, tlett mija u tmienja u tmenin Lira Maltin, (LM1,388.00,0), bl-ispejjez kollha ta’ din il-procedura.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------